MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-3 ta' Jannar, 2012

Numru 1417/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**Vs**

**Kevin Chircop**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Kevin Chircop ta’ dsatax (19) il-sena, bin Domenic u Maria neè Camilleri, imwieled Pietà fis-26 ta’ Marzu 1992 u residenti Block 2, Flat 6, Triq il-Fossos, Floriana, detentur tal-Karta ta’ l-Identità bin-Numru 194292(M) talli:

1. Fil-lejl ta’ bejn il-21 u t-22 ta’ Dicembru 2011 f’ diversi hinijet f’dawn il-Gzejjer, u cioe’ minn gewwa l-fond “Marrocaine” Triq San Albert, Gzira, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-

lok, bil-persuna, bil-hin u bil-valur li jeccedi s-somma ta' €2330, u li sehh a detriment ta' Vanessa Agius u/jew ta' persuni ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu komplici fir-reat hawn fuq imsemmi, billi xjentement ghen jew assista lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt, fl-atti li bihom id-delitt jew delitti, jkunu gew ippreparati jew ikkunsmati jew billi ta armi, ghodod jew mezzi ohra li jkunu gew uzati fl-ghemil tad-delitt, meta kien jaf li kellhom hekk jigu uzati, u dan ai termini ta' l-Artikolu 42(c) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli nhar l-24 ta' Dicembru 2011, u fil-granet ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistati b' reati jew xjentement, b' kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

4. U kif ukoll talli kiser il-provedimenti ta' l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti ta' Malta nhar it- 22 ta' Settembru 2011;

5. U talli sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal- Ligijiet ta' Malta, b' diversi sentenzi mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat illi l-Prosekuzzjoni titlob li f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u li in oltre tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta li bih l-imputat jigi pprojbit milli javvicina lil Vanessa Agius ta' sitta u tletin (36) sena, detentrici tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 152875(M) u r-residenza taghha kif ukoll il-postijiet li l-istess Vanessa Agius tiffrekwenta.

Rat id-dokumenti esebiti, senjatament ic-certifikat tat-twelid ta' l-imputat markat bhala Dok. "JS1", il-fedina

penali ta' l-imputat markata bhala Dok. "JS2", u stqarrija ta' l-imputat markata Dok. "JS3";

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Rat il-*pre-sentencing report* imhejji mill-Probation Officer Joseph Mizzi u semghet lill-istess Probation Officer jixhed dwar tali rapport u l-atteggjament u attudinijiet ta' l-imputat;

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena u rat li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li t-tieni akkuza hija alternattiva ghall-ewwel akkuza izda t-tielet akkuza ma hijiex akkuza alternattiva izda akkuza separata;

Rat l-atti kollha tal-kaz;

Rat li a tenur ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn Qorti Istruttorja ghal Qorti ta' Gudikatura Kriminali u ghalhekk tista' tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputata;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat tressaq b'arrest quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi li (i) fil-lejl ta' bejn il-21 u t-22 ta' Dicembru 2011 f' diversi hinijet f'dawn il-Gzejjer, u cioe' minn gewwa l-fond "Marrocaine" Triq San Albert, Gzira, ikkommetta serq ta' diversi oggetti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, bil-persuna, bil-hin u bil-valur li jeccedi s-somma ta' €2330, u li sehh a detriment ta' Vanessa Agius u/jew ta' persuni ohra; (ii) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu komplici fir-reat hawn fuq imsemmi, billi xjentement ghen jew assista lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt, fl-atti li bihom id-delitt jew delitti, jkunu gew ippreparati jew ikkunsmati jew billi ta

armi, ghodod jew mezzi ohra li jkunu gew uzati fl-ghemil tad-delitt, meta kien jaf li kellhom hekk jigu uzati, u dan ai termini ta’ l-Artikolu 42(c) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta; (iii) u aktar talli nhar l-24 ta’ Dicembru 2011, u fil-granet ta’ qabel din id-data, f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’ qerq jew akkwistati b’ reati jew xjentement, b’ kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom; (iv) kif ukoll talli kiser il-provedimenti ta’ l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza moghtija lilu mill-Qorti ta’ Malta nhar it- 22 ta’ Settembru 2011; u finalment (v) talli sar recediv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal- Ligijiet ta’ Malta, b’ diversi sentenzi mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

L-imputat ammetta l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu izda nonostante tali ammissjoni, fid-dawl tar-rizultanzi processwali l-Qorti tqis li huwa opportun li taghmel is-segwenti osservazzjonijiet ghall-fini tal-pronuncjament finali fir-rigward ta’ l-imputat.

Il-Prosekuzzjoni ddikjarat li t-tieni akkuza migjuba fil-konfront ta’ l-imputat hija alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza migjuba fil-konfront ta’ l-imputat.

Ghal dak li jirrigwarda t-tielet akkuza migjuba fil-konfront ta’ l-imputat, ossia l-akkuza tar-ricettazzjoni, il-Prosekuzzjoni ddikjarat li din ma hijiex alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu izda hija akkuza separata. Minn ezami ta’ l-atti processwali però u senjatament ta’ l-istqarrija ta’ l-imputat, Dok. “JS3”, il-Qorti ma tistax tifhem kif din l-akkuza tista’ titqies bhala akkuza separata u mhux alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba fil-konfront ta’ l-imputat. Minn dik l-istqarrija jirrizulta li l-oggetti li nstabu fil-fond residenzjali ta’ l-imputat wara tfittxija li saret mill-Pulizija fl-24 ta’ Dicembru 2011 kienu oggetti li nsterqu bejn il-21 ta’ Dicembru 2011 u t-22 ta’ Dicembru 2011 mill-fond “La Marrocaine” Triq San Albert, Gzira, ossia l-istess serqa li l-imputat qed jigi akkuzat biha

bl-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu. B'hekk kuntrarjament ghal dak dikjarat mill-Prosekuzzjoni mill-provi dokumentarji in atti jista' jirrizulta biss li t-tielet akkuza migjuba fil-konfront ta' l-imputat hija alternattiva u mhux separata ghall-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu. Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet akkuza migjuba fil-konfront ta' l-imputat.

L-imputat qed jigi akkuzat ukoll (ir-raba' akkuza) talli kiser il-provvedimenti ta' l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta fit-22 ta' Settembru 2011. L-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta jittratta dwar il-liberazzjoni assoluta jew kondizzjonata tal-hati f'kazijiet kongrui izda, mill-fedina penali ta' l-imputat (Dok. "JS2") jirrizulta li bis-sentenza tat-22 ta' Settembru 2011 pronuncjata minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fil- konfront tieghu, l-imputat, in segwitu ghas-sejbien ta' htija tieghu ghall-akkuzi hemm dedotti kontrih, tqieghed taht *combination order* ai termini ta' l-Artikolu 18 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta konsistenti f'mitt siegha *community work* u sorveljanza minn Probation Officer ghal zmien tlett (3) snin mid-data ta' dik is-sentenza. Ghalhekk ir-reat li bih qed jigi akkuzat l-imputat bir-raba' akkuza migjuba fil-konfront tieghu fil-kaz in ezami ma jissussistix u l-Qorti ser tghaddi biex tillibera lill-imputat mill-imsemmija akkuza.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet ghalhekk u in segwitu ghall-ammissjoni ta' l-imputat, filwaqt li tastjeni milli tieghu konjizzjoni tat-tieni u tat-tielet akkuzi migjuba fil-konfront ta' l-imputat peress illi huma alternattivi ghall-ewwel akkuza migjuba fil-konfront ta' l-istess imputat u filwaqt li tillibera lill-imputat mir-raba' akkuza migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati ta' l-ewwel u l-hames akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, l-età ta' l-imputat, il-fatt li l-imputat ikkopera mal-Pulizija tant illi parti mill-oggetti misruqa gew rintraccjati u ritornati lill-vittma, il-*pre-sentencing report* imhejji mill-Probation Officer Joseph

Mizzi u r-rakkomandazzjoni tieghu moghtja verbalment waqt is-seduta tat-3 ta’ Jannar 2012, illi jekk l-imputat ikun debitament segwit minn Probation Officer dan jista’ jirriforma ruhu u l-fatt li llum hemm rikonkiljazzjoni bejn l-imputat u l-familja tieghu li tista’ taghtih ghajnuna u sorveljanza ulterjuri.

Ghaldaqstant wara li rat l-Artikoli 20, 31, 49, 50, 261, 263(a), 267, 268(d), 269(g), 270, 278 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta u wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghalkemm qed issib lill-imputat hati ta’ l-ewwel u l-hames akkuza migjuba fil-konfront tieghu, tqis li jissussistu l-elementi elenkati fl-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u in partikolari billi fil-fehma tal-Qorti s-sorveljanza ta’ l-imputat minn ufficjal tal-*probation* hija mixtieqa fl-interess tar-riforma tieghu, tqieghed lill-imputat taht ordni ta’ *probation* ghal perijodu ta’ tlett (3) snin mid-data ta’ din is-sentenza u dana taht dawk il-kondizzjonijiet imposti b’Digriet ta’ Ordni ta’ *Probation* moghti llum stess, 3 ta’ Jannar 2012, liema Digriet jinsab anness ma’ din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta’ l-Artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem semplici l-effetti tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet ta’ illum anness ma’ din is-sentenza kif ukoll il-konsegwenzi li jkun hemm f’kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma’ l-imsemmija kondizzjonijiet jew jekk jaghmel reat iehor waqt il-perijodu ta’ *probation*, u cioè li f’kaz ta’ htija jista’ jinghata sentenza ghar-reat originali.

A tenur ta’ l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tordna li kopja tad-Digriet ta’ Ordni ta’ *Probation* datat 3 ta’ Jannar 2012 u kopja ta’ din is-sentenza jinghataw lill-imputat u jigu wkoll notifikati lid-Direttur tal-Probation Services sabiex mill-iktar fis possibbli l-imputat jibqa jigi segwit mill-Probation Officer Joseph Mizzi, già assenjat lilu.

Ai termini ta’ l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tqieghed lilll-imputat taht Ordni ta’ Trazzin ghall-

finijiet ta’ sigurtà ta’ Vanessa Agius u dana skond il-kondizzjonijiet moghtija fid-Digriet ta’ Ordni ta’ Trazzin moghti llum stess u anness ma’ din is-sentenza u formanti parti integrali minnha.

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi kkundannat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, peress illi ma tressqitx prova ta’ kemm huma l-ispejjez konnessjoni ma’ l-inkjesta relattiva ghas-serqa li taghha l-imputat instab hati.

Il-Qorti tordna li ai termini ta’ l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-atti kollha ta’ dawn il-procedimenti u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------